# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 577/21 MH**

**Numru: 7**

**Simon Borg**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Simon Borg tas-6 ta' Settembru 2021** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*"Illi f'Novembru kienu sehhew diversi serqiet liema serqiet saru ġewwa Hal Qormi u ohra ġewwa Birkirkara.*

*Illi mill-istharrig tal-Ufficjali Prosekuturi irriżulta illi ai rigward l-allegat serq ġewwa Hal Qormi u Birkirkara kienu nġabru xi filmati minn cameras li kienu qeghdin fil-vicin u illi l-kwerelant kien ukoll ghaddha xi informazzjoni lill-Pulizija wara li appella fuq il-midja soċjali ghal ghajnuna.*

*Illi fl-14 ta' Novembru 2017, il-Pulizija tad-Distrett tal-Ghassa ta' Hal Qormi kienu wkoll gew infurmati mill-membri tal-RIU li kienet instabet vettura tal-ghamla Toyota Ractis illi kienet wisq probabbli l-istess wahda li kienet qed tigi mfittxija minhabba s-serq. Mit- titxxija li kienet saret fl-istess vettura apparti xi ghodod li kienu gew elevati, kienu instabu wkoll log book ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni ACE 782 li hija ta' mudell ta' Peugeot 406.*

*Illi sussegwentement huma wasslu ghall-esponenti u fil-fatt huwa gie akkuzat inter alia illi f'xi jiem qabel l-14 ta' Novembru, 2017 huwa kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, liema serq huwa aggravat bil-valur, għad-dannu ta' Emanuel Mangion u kkommetta serq (ta' diversi għodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u ħin għad-dannu ta' Cedric Zammit u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.*

*Illi permezz ta' sentenza datata sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), il-Qorti kkundannat lill-esponenti ghall-piena komplessiva ta' sitt (6) snin u nofs prigunerija.*

*Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bis-sentenza fuq ċitata u minnha interpona umli appell liema appell kien jirrigwarda kemm il-mertu kif ukoll il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi dan l-appell qieghed prezentament jinstema' quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Illi fil-mori tal-appell l-esponenti talab illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' digriet datat l-1 ta' Lulju tas-sena 2021 cahdet it-talba tal-esponenti stante illi l-Qorti hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga peress li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.*

***<u>Illi l-esponenti qieghed iressaq is-segwenti lanjanzi kostituzzjonali:</u>***

1. ***Il-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta johloq diskriminazzjoni bejn reati u ohra fir-rigward tal-piena applikabbli***

*Illi l-esponenti jirrileva illi nhar is-17 ta' Gunju, 2021 huwa talab li jressaq provi in sostenn tal-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga. Illi l-esponenti jirrileva illi huwa qabel illi l-imputazzjonijiet hekk kif migjuba fil-konfront tieghu ut sic jeccedu s-seba snin prigunerija pero' cio nonostante l-esponenti rrileva illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija inqas minn prigunerija ta' 7 snin u l-piena in kwistjoni ma tistax tizdied stante illi l-unika appell interpost kien biss tal-istess esponenti.*

*Illi l-Avukat Generali kien oppona ghat-talba maghmula mill-esponenti stante illi l-akkuzi li taghhom instab hati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jinkludu akkuzi li separatament igorru piena ta' aktar minn seba' snin u l-Kap 537 ma japplikax jekk persuna tkun akkuzata bit-twettiq ta' reat li ghalih hemm piena ta' aktar minn seba' (7) snin prigunerija.*

*Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' digriet datat l-1 ta' Lulju tas-sena 2021 cahdet it-talba tal-esponenti stante illi l-Qorti hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga peress li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti jirrileva illi l-artikolu 8 (1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-*

*8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-*

*Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis- subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

*Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jaghmel talba quddiem il-Qorti u cioe sabiex Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe':*

1. *Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe'*

2. *Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.*

*Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

*Illi izda Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati addebtati fil-konfront tal-persuna illi qieghed jaghmel it-talba ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.*

*Illi fil-kaz in esami l-esponenti jirrileva illi huwa qieghed jaqbel illi l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tieghu tmur oltre s-sebgha snin prigunerija kif del resto gie anke ivverbalizzat u dan minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti ikundannatu ghal piena komplessiva ta' sitt snin u nofs prigunerija piena li ma teccedix is-seba' snin illi ssemmi l-Kap 537.*

*Illi l-esponenti jaqbel illi l-Ligi ma titkellimx li l-akkuzat ma jistax jinsab hati ta' piena oltre s-sebgha snin prigunerija izda li r-reati li bihom gie akkzuat m'ghandhomx jeccedu is-sebgha snin prigunerija bhala piena li tista tinghata. Illi izda l-esponenti jirrileva illi f'dan l-isfond ghalhekk il-Ligi fiha nnifisha qieghda tohloq diskriminazzjoni bejn persuni li jkunu gew akkuzati b'reati addebitat b'piena li taqbez is-seba' snin prigunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin prigunerija. Illi fil-fatt il-Ligi tiddistingwi [u konsegwentement tiddiskrimina] bejn persuni illi huma akkuzati b'reati relatati mad-droga fejn hemmhekk m'ghandekx il-kwalifika li l-piena ma tridx taqbez is-seba' snin prigunerija u reati relatati mad-droga inkluz traffikar u pussess aggravat ilkoll jistghu ggorru maghhom piena li taqbez is-seba' snin prigunerija u reati ohra illi mhumiex reati relatati mad-droga izda li l-Ligi stranament tikkwalifikahom illi ma jridux ikunu jgorru piena li teccedi seba' snin prigunerija.*

*Illi l-esponenti jirrileva illi din id-distinzjoni tohloq diskriminazzjoni lampanti bejn zewg kazijiet illi huwa simili ta' xulxin fejn ghandek persuna illi qieghda tghaddi minn process gudizzjarju kriminali akkuzata b'reati serji illi izda jekk hi akkuzata b'reati relatati mad-droga mela mghandiex*

*ghalfejn tinkwieta fuq il-piena tal-akkuza izda jekk hi akkuzata b'reati illi mghandhomx x'jaqsmu mad-droga allura trid tara jekk l-akkuza iggorrx maghha piena ta' prigunerija illi teccedi s-seba' snin.*

*Illi l-esponent ghalhekk jirrileva illi l-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta jikser id-dritt fundamentali tieghu hekk kif sancit fl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 14 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvezjoni Ewropeja stante illi johloq diskriminazzjoni minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.*

*Illi fl-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad- drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raguni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor;*

*Illi l-esponenti jirrileva illi meta l-Qorti tistħarreg l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha:*

*(i)* *li dak l-ilment jeħtieg li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u*

*(ii)* *li l-kawżali tad- diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl- artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.*

*(iii)* *Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it- trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda legittima u ragonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14.*

*Illi madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak.*

*Illi Harris O'Boyle jispjega illi:*

*"the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any ground such as . . .') and the final one ('or other status') is open-ended";*

*Illi l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza Kafkaris vs Cipru sahqet illi:*

*"a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court";*

*Illi inoltre kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Socjali et**:*

*"biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal- Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l- jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leāittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieā li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations";*

*Illi l-esponent jirrileva illi l-ghan tal-Artikolu 14 huwa sabiex "safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguishable from each other". **[Thlimmenos vs Grecja** (Applik. Nru. 34369/97) § 40 – 9].*

***<u>2. Il-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta johloq nuqqas ta' certezza legali</u>***

*Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta johloq incertezza legali u dan ghaliex il-ligi hija incerta jekk ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reat, u nghataw sentenza taht is-seba' snin prigunerija, minkejja li tali reat ikun jaqbez is-seba' snin prigunerija.*

*Illi ssir referenza ghad-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati ta' nhar id-9 ta' Dicembru, 2014,50 fejn l-Onorevoli Beppe Fenech Adami qal hekk fuq dan l-Artikolu tal-Ligi:*

*'Hemm ukoll il-parti tal-liġi li titkellem fuq il-kwestjoni tal-persuni li jinqabdu b'ammont ta' droga li jkun ammont li jindika li ma jkunx għall-użu personali tagħhom biss, però jkunu persuni li ħafna drabi jkunu daħlu tant fil-vizzju li jkollhom jixtru u jbigħu d-droga biex jiffinanzjaw il-problema li għandhom. Hawnhekk irrid ngħid li aħna wkoll naqblu mal-mod kif qed jiġi propost f'din il-liġi, kif spjega tant tajjeb il-Ministru, ta' kif fil-każ ta' persuna li titressaq b'reati fejn l-ammont ta' droga jkun ta' inqas minn 300g u/jew is-sentenza ta' priġunerija tkun ta' inqas minn seba' snin'*

*Illi ghalhekk ghalkemm il-Ligi titkellem fuq akkuza li ma ggorx piena ta' mhux iktar minn seba' snin prigunerija f'dan id-dibattitu issir referenza ghas-sentenza ta' prigunerija li tkun inqas minn seba' snin li huma zewg affarijiet distinti u differenti. Illi tant hu hekk illi fil-kaz odjern ghalkemm l-akkuzi kienu jgorru piena ta' iktar minn seba' snin prigunerija, is-sentenza kkundannat lill-esponenti ghal inqas minn seba' snin prigunerija.*

*Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponenti l-kliem tal-legislatur u d-dibattiti rigward tali ligi allura jaghtu lok ghall-interpretazzjoni wiesgha u illi ma thallix certezza legali f'mohh l-esponenti.*

*Fir-rigward tac-certezza legali, l-esponenti jaghmel referenza ghal dak li jghid Paul Heinrich Neuhaus fl-Artikolu tieghu Legal Certainty versus Equity in the Conflict of Laws:*

*The struggle between legal certainty and equity is as old as the law itself. Only the labels have changed: while formerly discussion proceeded in terms of ius strictum and ius aequum, the expressions currently preferred, especially in Germany, are ''legal certainty" and "justice (in individual cases)." Whatever terms are used, they refer to two different aspects of the law. One is the public interest in clear, equal, and foreseeable rules of law which enable those who are subject to them to order their behavior in such a manner as to avoid legal conflict or to make clear predictions of their chances in litigation. The other is the need for deciding current, concrete disputes adequately, by giving due weight to the special and perhaps unique circumstances of each case. The former aspect calls for legislation, the latter for judicial decision.*

*Fil-każ ta' Albu v Romania, dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali:*

*"In its recent Grand Chamber judgment in Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey, the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions. These can be summarised as follows:*

*"(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain.) Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see Ādamsons v. Latvia);*

*"(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same*

*court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see Santos Pinto v. Portugal, and Tudor Tudor v. Rumania.)*

*"(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others; see also Beian v. Rumania (no. 119); Ştefan and Ştef v. Romania; Schwarzkopf and Taussik v Czech Republic; Tudor Tudor v Rumania; and Ştefănică and Others.)*

*"(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, Beian (no. 1); Iordan Iordanov and Others; and Ştefănică and Others);*

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Paduraru v. Romania; Vinčić and Others v. Serbia and others; and Ştefănică and Others);"*

*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France.) Case-law development is not, in itself, contrary to the proper*

*administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia.)*

***Illi l-esponenti jirrileva ghalhekk illi meta wiehed jara l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta jinduna illi l-istess Artikolu tal-Ligi johloq diskriminazzjoni u nuqqas ta' certezza legali u din id-differenza skont l-esponent tikkostitwixxi diskriminazzjoni minghajr ebda raguni valida u nuqqas ta' smiegh xieraq u ghalhekk tikser d-dritt fundamentali tieghu hekk kif sancit fl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 14 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvezjoni Ewropeja.***

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq u illi gie ddiskriminat u dan bi ksur tal-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

2. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi";*

Rat **ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tat-3 ta' Novembru 2021**[1] pemezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi din it-tweġiba qiegħda ssir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-14 t' Ottubru 2021, li ġie nnotifikat lilu flimkien mar-rikors promotur nhar il-25 t' Ottubru 2021;*

[1] Fol 16 et seq

2. *Illi in suċċint, ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), il-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq u għal protezzjoni minn diskriminazzjoni kif sanċiti fl-Artikolu 6 u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tad-Bniedem u l-Artikolu 39 u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għax skond ir-rikorrent il-Kap 537 joħloq:*

*(i) diskriminazzjoni bejn reati u oħra fir-rigward tal-piena applikabbli; u*

*(ii) nuqqas ta' ċertezza legali;*

3. *Illi l-intimat Avukat tal-Istat qiegħed jirrispinġi din l-allegazzjoni u l-pretensjonijiet marbutin magħha stante illi tali allegazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Fil-frattemp qiegħed iressaq dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin b'rabta mal-ilment sopraċitat:*

4. *Illi l-Kap 537 ġie ntrodott fis-sena 2015 bil-ħsieb li jagħti l-possibilita' li imputat / akkużat jew appellant fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali jitlob lill-Qorti li tkun qed tisma' l-każ tiegħu sabiex tiġi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga. Kjarament din il-liġi ma tapplikax għal kullħadd, għax l-artikoli 13 u 8 ta' dan l-istess Att jispeċifikaw il-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex Qorti penali tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Illi fost dawn il-kriterji, l-Artikolu 8 (1) jispeċifika illi, reat li ma jitnissilx mil-liġijiet dwar id-droga (u ċioè ma jemanix mill-Kap 101 jew mill-Kap 31) ma jistax iġorr piena li teċċedi s-seba' (7) snin;*

5. *Illi fil-każ odjern r-rikorrent huwa akkużat b' diversi reati (inter alia ta' serq) li ma jemanux mil-liġijiet dwar id-droga. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati, kkundanatu għal piena ta' sitt snin u nofs priġunerija u poġġietu taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin. Sussegwentament, huwa interpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u talab il-koverżjoni tal-Qorti, f'Qorti tad-Droga – liema talba ġiet miċħuda permezz ta' digiet datat 1 ta' Lulju 2021;*

6. *Illi r-rikorrent mhux qed jikkontesta illi r-reati li għalihom huwa nstab ħati mill-Ewwel Qorti, jġorru piena li teċċedi s-seba' (7) snin hekk kif delinejat mill-Artikolu 8 (1) tal-Kap 537, u li għaldaqstant li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma setgħetx tilqa' t-talba li huwa qajjem fl-istadju tal-appell biex ikun hemm konverżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali għal Qorti dwar id-Droga;*

7. *Illi donnu r-rikorrent qed jallega li l-kriterju tal-piena għar-reati li ma jitnisslux mil-liġijiet dwar id-droga, u ċioè it-'threshold' ta' seba' (7) snin, huwa diskriminatorju u għandu jitneħħa. Fil-fehma tiegħu d-distinzjoni bejn reati mnissla mil-liġijiet dwar id-droga u dawk li mhumiex, qed twassal għal leżjoni ta' smigħ xieraq u għal diskriminazzjoni. L-esponent ma jaqbilx. Din il-liġi hija maħsuba biex tiġi utilizzata minn persuni dipendenti mid-droga. F'każijiet fejn seħħew <u>reati mhux intrinsikament relatati mat-teħid tad-droga</u>, il-leġislatur għażel li joħloq 'threshold' biex mhux kwalunkwe persuna akkużata bi kwalunkwe reat taħt ix-xemx tipprova tibbenifika minn din il-liġi minflok ma tiskonta sentenza l-ħabs!;*

8. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponent jirrileva illi l-ebda subinċiż ta' dan l-istess artikolu ma ġie speċifikat mir-rikorrent u dan propju għaliex l-argument tiegħu ma jistax jallaċja ruħu ma' l-ebda parti ta' dan l-Artikolu. L-Istat għandu kull jedd li jgħaddi l-liġijiet u jagħmel distinzjoni bejn reati emanenti mil-liġijiet dwar id-droga u reati derivanti mil-liġijiet oħra. Il-kriterju tal-ammont tal-piena ta' mhux aktar minn seba' (7) snin priġunerija marbuta ma' akkużi ta' kommissjoni ta' reati li ma jitnisslux mil-liġijiet ta' droga, mhuwiex fih innifsu leżiv tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent.* ***__Mhux kull 'differential treatment' huwa diskriminazzjoni__****;*

9. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponent jirrileva illi l-Artikolu 14 ma jagħtihx "a free standing right". L-Artikolu 14 jista' biss jiġi nvokat ma' dritt ieħor tal-Konvenzjoni. F'dan il-każ r-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq l-Artikolu 14 meta lanqas biss ma kien kapaċi jindika ma' liema subinċiż tal-Artikolu 6 qed jorbot l-argument tiegħu;*

10. *Illi fl-eventwalità li l-allegata leżjoni tieħu l-forma ta' nuqqas ta' aċċess għal qorti, l-esponent jeċepixxi illi dan l-argument huwa nfondat. Il-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kkonvertitx ruħha għal Qorti dwar id-Droga ma jfissirx illi r-rikorrent sofra nuqqas t'aċċess għal qorti! Dan id-dritt ma huwiex wieħed assolut. Illi kif il-****__Qorti Kostituzzjonali__*** *hekk kif preseduta* ***mill-Prim Imħallef Mark Chetcuti, l-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u l-Onor. Imħallef Anthony Ellul*** *osservat ben tajjeb, nhar il-****__31 t'Awwissu 2021__****, fl-ismijiet:*

***'Il-Pulizija v. Andre Falzon u Sean Farruġia'*** *–*

> *Il-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni meta jiġi biex jintroduċi liġijiet innovativi bħal din f'qasam tant delikat.* ***Il-fatt li l-appell tal-appellant m'huwiex ser jiġi determinat mill-Qorti dwar id-Droga ma jfissirx li ser jiġi leż id-dritt tal-appellant għall-aċċess tal-qorti taħt l-Art. 39 tal-Konstituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni****.*

11. *Illi kien preċiżament għaliex l-leġislatur uża id-diskrezzjoni tiegħu fit-tfassil tal-liġi li l-artikolu in kwistjoni huwa applikabbli f'ċerti sitwazzjonijiet u mhux oħrajn. Il-kriterji fl-artikolu 8 (1) tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) għandhom għan leġittimu u huma: oġġettivi, prevedibbli, u jħarsu id-drittijiet fundamentali kemm tal-akkużat u kif ukoll l-interessi tas-soċjetà;*

12. *Illi filwaqt li l-esponent jinnota r-referenza mir-rikorrent għad-dibitattu parlamentari li sar meta l-abbozz kien qiegħed jiġi diskuss, u għal fatt li Membru tal-Kamra tad-Deputati semma "u/jew* ***<u>sentenza</u>*** *ta' priġunerija tkun inqas minn seba' snin", il-fatt jibqa' li l-liġi li sussegwentament ġiet promulgata ma ssemmix il-kliem "sentenza ta' priġunerija" imma il-frażi: "jew hi <u>akkużata</u> bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm* ***<u>piena</u>*** *ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija". Jirriżulta li <u>m'hemmx inċertezza legali għax</u>* ***il-liġi hija ċara*** *f'dan ir-rigward;*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat il-provi mressqa u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li fil-konfront tiegħu ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (« il-Kostituzzjoni ») u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (« il-Konvenzjoni »). Dan għaliex fil-fehma tiegħu l-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta huwa diskriminatorju mingħajr ebda raġuni valida u joħloq nuqqas ta' ċertezza legali li twassal għal nuqqas ta' smiegħ xieraq. Huwa qed jitlob ukoll rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkustanzi.

Minn naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat jirrespinġi dawn l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti jirriżulta li –

i. **Fil-15 ta' Novembru 2017** ir-rikorrent tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u ġie akkużat talli f'xi jiem qabel l-14 ta' Novembru 2017 f'dawn il-gżejjer[2] -

*"1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru taxchassis DBASCP100CHXNKJ, liema serq huwa aggravat bil-valur, ghad-dannu ta' Emanuel Mangion;*

*2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura u cioe' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ minghajr il-kunsens tas-sid, u cioe` Emanuel Mangion;*

*3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht ir-responsabbilta` tieghu, vettura bil-mutur u cioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, liema vettura m' hiex registrata ma' l-Awtorita;*

*4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, zamm vettura bil-mutur u cioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazjoni valida, jew permess tac-cirkolazzjoni validu jew diska tal-licenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, mahruga mill-Awtorita;*

*5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kien fil-pussess ta' vettura bil-mutur u cioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, kemm jekk wieqfa jew misjuqa, minghajr ma kellha pjanci mahruga minn xi awtorita kompetenti;*

*6. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel uzu minn marki ta' registrazzjoni xort' ohra min dawk moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur u cioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ;*

*7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura u cioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, minghajr polza ta' l-assigurazzjoni dwar riskju ghal terzi persuni;*

*U aktar talli nhar is-07 ta' Novembru, 2017, ghall-habta tas-18.30 ta' filghaxija, min gewwa Binja fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta f' B' Kara,*

[2] Fol 30 et seq

*8. Ikkommetta serq (ta' diversi ghodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u hin ghad-dannu ta' Cedric Zammit u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; U aktar talli nhar it-03 ta' Novembru, 2017, ghall-habta 04.30 ta' filghodu, minn gewwa Ozone Properties, fi Triq il-Masgar, f' Hal Qormi,*

*9. Ikkommetta serq (ta' diversi ghodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u hin ghad-dannu ta' Carlo-Antonio Vassallo u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;*

*10. Talli f' diversi granet u f' dawn il-Gzejjer wara li kien ikkundannat f' Malta ghal-serq, jew ghal ricettazjoni, kien fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta' kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu, inkella instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgasssar ta' serratui, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu bi ksur ta' Art 287 tal-Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta;*

*11. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Francesco Depasquale LL.D., f' dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra, u cioe' li jkun fid-dar f' hinjiet specifikati kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien millarrest ta' l-imsemmi Simon Borg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l- 4 imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bhala depozitu u 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*12. U aktar talli kkommetta reati waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar id-19 ta' Jannar, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.*

*13. U aktar talli ikkommetta reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, moghtija mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar id-19 ta' Jannar, 2015.*

*14. Barra min dan, l-imputat Simon Borg huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi w ma jistghax jigi mibdula ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' kundanna, tiskwalifika lill imputat, milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan."*

ii. **B'sentenza datata 16 ta' Diċembru 2020**[3] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li rat l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u reġgħet rat l-artikoli 17 (b) (h), 18, 20, 31, 49, 50, 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271 (g), 278 (1) (3), 279 (a) (b), 280 (1) (2), 281 (2), 289, 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni (f'dawk il-proċeduri), sabet lill-imputat ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet u ikkundannatu għal sentejn (2) priġunerija.

A tenur tal-artikolu 3 (2A) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, Borg ġie skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar minn dakinhar tas-sentenza.

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28 A, 28 B u 28 C tal-Kapitolu IX ta' l-Liġijiet ta' Malta ordnat illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat nhar 11 ta' Ottubru, 2010 ta' sena (1) priġunerija, u kif estiża b'sentenza tad-19 ta'

[3] Fol 429 et seq

Jannar, 2015, tiġi fis-seħħ stante illi r-reati li dwarhom instab ħati l-akkużat ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

**B'hekk b'kollox l-imputat kellu jiskonta l-perjodu ta' sitt (6) snin u nofs priġunerija.**

Finalment a tenur tal-artikolu 412 D tal-Kodiċi Kriminali, poġġiet lil Borg taħt Ordni ta' Trattament għal zmien tlett (3) snin sabiex ikompli jindirizza bis-sħiħ l-vizzju tad-droga, anke jekk dan ikun jirrikjedi interventi minn professjonisti oħra u senjatament dawk fil-psikoloġija.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' dina s-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skont il-liġi;

iii. **Fit-30 ta' Diċembru 2020** Simon Borg intavola appell minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali[4] pemezz ta' liema talab lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tas-sitta u tal-ħdax-il akkuża u lliberatu minnhom kif ukoll mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, tħassarha u tirrevokaha fil-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tiddikjarah mhux ħati

[4] Fol 461 et seq

tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom. Fin-nuqqas ta' dan talab ir-riforma tas-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

iv. Waqt is-**seduta tat-2 ta' Marzu 2021**[5] id-difiża kienet talbet il-konverżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'Qorti tad-Droga ai termini tal-artikolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-difiża għamlet referenza għal żewġ digrieti mogħtija minn dik il-Qorti stess diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Matthew Camilleri mogħtija fit-12 ta' Marzu 2020. Il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni ta' din it-talba;

v. Waqt is-**seduta tas-17 ta' Ġunju 2021**[6] id-difiża kienet talbet li tressaq provi in sostenn ta' l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga. Id-difiża vverbaliżżat ukoll li taqbel li l-imputazzjonijiet kif mogħtija fil-konfront ta' Borg jeċċedu s-seba' snin stipulati mill-liġi, madankollu, s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti hija inqas minn priġunerija ta' 7 snin u l-piena in kwistjoni ma tistax tiżdied stante li l-appell huwa tal-istess appellant. Ir-rappreżentant tal-Avukat Ġenerali oġġezzjonat għal tali talba minħabba li l-akkużi li taghhom instab ħati quddiem l-ewwel Qorti jinkludu akkużi li separatement iġorru piena ta' aktar minn seba' snin u l-Kapitolu 537 huwa ċar fis-sens li ma japplikax jekk persuna tkun

[5] Fol 514
[6] Fol 532

akkużata bit-twettiq ta' reat li għalih hemm piena ta' aktar minn seba' snin. Il-piena li attwalment tkun ingħatat mill-ewwel Qorti ma tbiddel xejn. Id-Difiża rrilevat ukoll li fl-istess artikolu l-liġi qed tiddeskrimina bejn reati kontra l-ligijiet ta' droga illi huma punibbli b'iktar minn seba' snin prigunerija (li huma reati ta' traffikar u pusess aggravat li jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati) u reati oħra li ma jaqgħux taħt il-liġijiet ta' droga;

vi. Permezz ta' **digriet datat 1 ta' Lulju 2021** l-Qorti tal-Appell Kriminali ddegretat hekk dwar din it-talba –

*"Illi fil-każ in esami jidher ċar li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti tmur ħafna oltre is-sebgħa snin priġunerija kif del resto ivverbalizza l-istess avukat difnesur minkejja li l-ewwwel Qorti ikundannatu għal sentejn priġunerija dwar l-akkużi li sabitu ħati tagħhom oltre li ordnat li sentenzi sospizi jigu reżi operattivi.*

*Il-Liġi ma titkellimx li l-akkużat ma jistax jinsab hati ta' piena oltre s-sebgħa snin priguneria iżda li r-reati li bihom ġie akkużat m' għandhomx jeċċedu is-sebgħa snin priġunerija bħala piena li tista' tingħata. Din `il-Qorti ġja kienet ippronunzjat ruħha f'dan ir-rigward fid-digrieti tagħha fl-ismijiet* ***il-Pulizija Stephen Borg, il-Pulizija vs Reuben Galea*** *kif ukoll din il-Qorti diversament preseduta ippronunzjat ruħha f'dan l-istess rigward fid-digriet* ***il-Pulizija vs Massimo Caruso*** *u għalhekk fic-ċirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti hija priva mill-liġi tikkonverti ruħha f' Qorti ta' Droga.*

*Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti m'għandiex għalfejn tisma' iktar xhieda b'referenza għal din it-talba stante li l-mertu tiegħu huwa eżawrit b'dan id-digriet.*

*Din il-Qorti ma tistax tidħol u tiddiskuti l-kwisjtoni sollevata mid-difiza jekk in effetti l-ligi tiddiskrimina bejn ir-reati kontra l-ligijiet ta' droga li huma punibbli b'iktar minn seba' (7) snin prigunerija li huwa r-reati ta' traffikar u pusess aggravat li jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati u reati ohra illi*

*mhumiex il-ligijiet ta' droga stante li tali kwistjoni taqa' fil-parametri ta' Qorti Kostituzzjonali u mhux ta' Qorti ta' Appeli Kriminali.*

*Din il-Qorti għalhekk hija prekluża mill-liġi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li l-piena applikabbli teċċedi is-sebgħa snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-liġijiet ta' Malta u konsegwentement tiċħad it-talba tar-rikorrenti maghmula fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2021 u tordna l-kontinwazzjoni ta' dan l-appell."*

vii. **Fis-6 ta' Settembru 2021** ir-rikorrent intavola l-kawża kostituzzjonali odjerna;

viii. Wara li **fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021** il-Qorti tal-Appell Kriminali ġiet infurmata b'dan l-iżvilupp, il-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Simon Borg* ġew differiti *sine die* riappuntabbli meta jkun hemm eżitu finali fuq il-kawża kostituzzjonali odjerna.

**Ikkunsidrat:**

L-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent huwa marbut mat-tħaddim tal-**artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) u ċioe' l-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta** li fl-ewwel subartikolu tiegħu jgħid hekk-

*"8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga."*

Kif ingħad mill-Qorti Kostitizzjonali fil-każ **Il-Pulizija vs Mario Zammit deċiż fit-18 ta' Lulju 2017** dwar dan l-artikolu -

*".....il-liġi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, mhux neċessarjament fl-ewwel stadju tal-proċeduri kriminali, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r-rekwiżiti stipulati fl-istess artikolu, għandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga bil-għan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkużat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-proċedura l-akkużat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku ġie ġudikat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bhal fil-kaz preżenti jsir appell."*

Mid-diċitura ta' dan l-artikolu jirriżulta li sabiex tintlaqa' talba ħalli Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga hemm żewġ kriterji li jridu jiġu sodisfatti -

**a) li l-piena għar-reat li ma jitnissilx mill-liġijiet dwar id-droga (Kap 31 u Kap 101) ma tistax tkun aktar minn seba' snin ħabs**

Il-liġi titkellem **b'mod ċar**, fuq persuna li *"hija mixlija b'reat"* u mhux fuq persuna kkundannata b'reat.

Huwa paċifiku u ammess mir-rikorrent li fil-każ odjern li l-piena għar-reati addebitati lilu fil-proċeduri kriminali surreferiti kienu jeċċedu s-seba' snin priġunerija.

**b) li l-kundizzjonijiet elenkati fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 jiġu sodisfatti**

Dan is-subartikolu jipprovdi hekk -

*"(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga."*

Naturalment, jekk ma jiġix sodisfatt l-ewwel rekwiżit, il-Qorti hija prekluża milli tindaga ulterjorment dwar it-tieni rekwiżit.

Il-lanjanzi tar-rikorrent fil-proċeduri odjerni huma mfassla fuq żewġ binarji –

A. L-allegata diskriminazzjoni maħluqa mill-Kap 537 bejn reati u oħra fir-rigward tal-piena applikabbli; u

B. L-allegata nuqqas ta' ċertezza legali maħluqa mill-Att imsemmi.

**A. L-allegata diskriminazzjoni maħluqa mill-Kap 537 bejn reati u oħra fir-rigward tal-piena applikabbli**

L-argument tar-rikorrent huwa li qiegħed isofri diskriminazzjoni għax b'applikazzjoni tal-artikolu tal-liġi in eżami fil-konfront tiegħu, l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha jdejha marbutin u ma tistax tikkonverti ruħha għal Qorti Dwar id-Droga minħabba n-natura tar-reati li bihom ġie akkużat filwaqt li tali konverżjoni tkun tista' sseħħ fir-rigward ta' persuni li jitressqu b'akkużi differenti.

Fi kliem ieħor għalhekk, skont ir-rikorrent, l-artikolu 8 tal-Kap 537 qed jikkonċedi trattament differenti lill-kategorija ta' persuni li huma akkużati b'reati relatati mad-droga li jġorru magħhom piena li tista' taqbeż is-seba' snin priġunerija meta mqabbla ma' kategorija oħra ta' persuni li huma akkużati b'reati li mhumiex imnissla mill-liġijiet dwar id-droga iżda li ma jridux ikunu jġorru piena li taqbeż is-seba' snin priġunerija. Fl-ewwel kategorija, irrispettivament mill-piena li jġorru l-akkużi addebitati lill-akkużat, il-każ jinstema mill-Qorti dwar id-Droga, sodisfatti r-rekwiziti l-oħra,  filwaqt li fit-tieni kategorija, biex il-każ jinstema' mill-Qorti dwar id-Droga l-piena marbuta mal-akkużi ma tridx tkun aktar minn seba' snin.

Ir-rikorrent isostni li din id-diskriminazzjoni twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan stante li tali diskriminazzjoni mhux biss qed iċċaħħdu minn aċċess effettiv għall-Qorti iżda wkoll tmur kontra l-preżeunzjoni tal-innoċenza tiegħu.

**L-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk -

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwagħandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħxieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti uimparzjali mwaqqfa b'liġi."*

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk -

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

*"...the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*

*(a) the right of access to the courts*
*(b) the right to be present to an adversarial hearing*
*(c) the right to equality of arms*
*(d) the right to a fair presentation of the evidence*
*(e) the right to cross-examine and*
*(f) the right to reasoned judgement[7]."*

Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

[7] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

Ingħad hekk fil-każ **Patrick Mangion vs Avukat Ġenerali et deċiż fis-27 ta' Jannar 2006** -

*"L-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, ukoll invokati mill-appellant, jirreferu b'mod generali ghad-dritt ta' smigh xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti, liema dritt jinkludi d-dritt ta' access effettiv ghal qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti. In fatti, kif gie ritenut fir-rigward ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:*

*"The Court recalls that Article 6 para 1 embodies the 'right to a court', of which the right of access, that is, the right to institute proceedings before a court in civil matters, constitutes one aspect. However this right is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State. In this respect, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation, although the final decision as to the observance of the Convention's requirements rests with the Court. It must be satisfied that the limitations applied do not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved...[8]"*

**L-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk -

*" Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusl gi jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi."*

L-artikolu korrispettiv tiegħu fil-Kostituzzjoni huwa l-artikolu 39 (5).

Fil-każ **Cleve v Germany deċiż mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Jannar 2015** ingħad hekk -

[8] Stubbings v. United Kingdom (1996) 23 EHRR 213, para. 50. Ara wkoll Harris D. J., O,Boyle M. u Warbrick C. Law of the European Convention on Human Rights Butterworths (London) 1995, pagni 196 sa 202.

*"32. The Court reiterates that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 will be violated if a judicial decision concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law (see, inter alia, Allenet de Ribemont, cited above, § 35; Rushiti v. Austria, no. 28389/95, § 31, 21 March 2000; Vassilios Stavropoulos, cited above, § 35; and Tendam v. Spain, no. 25720/05, § 35, 13 July 2010).*

*33. As to the period of time during which the presumption of innocence applies, the Court recalls that Article 6 § 2 applies to everyone "charged with a criminal offence". Viewed as a procedural guarantee in the context of a criminal trial itself, the presumption of innocence imposes requirements in respect of, inter alia, the burden of proof, legal presumptions of fact and law, the privilege against self-incrimination, pre-trial publicity and premature expressions, by the trial court or by other public officials, of a defendant's guilt (see Allen v. the United Kingdom [GC], no. 25424/09, § 93, ECHR 2013, with many references)."*

**L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** fil-parti rilevanti tiegħu għall-fini tal-każ tal-lum jipprovdi hekk –

*"(1) ....ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha." waqt illi fit-tieni subartikolu jghid illi : "ħadd ma għandu jiġi trattat b`mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta` xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta` xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika."*

*[.....]*

*(3) F'dan l-artikolu il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta` trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta` oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta` deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta` deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta` deskrizzjoni oħra bħal dawn."*

**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk -

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali,assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."*

Dwar dawn iż-żewg artikoli, fil-każ **Michael Anthony Henley vs Il-Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Frar 2002** ingħad hekk –

*"[f]ilwaqt illi l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-liġijiet in ġenerali, fl-effetti tagħhom u fl-applikazzjoni tagħhom (eż. minn uffiċjali pubbliċi), l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax raġjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wieħed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-Konvenzjoni ma jistax ikun is-suġġett ta' tutela taħt l-Artikolu 14".*

Ingħad ukoll fil-każ **Il-Pulizija vs John Aquilina et deċiż fit-23 ta' Lulju 2008-**

*"[b]iex jiġi mistħarreġ l-ilment taħt l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq li jingħad illi llum il-ġurnata huwa stabbilit sewwa illi biex jitqies illi jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieg jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġjonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-għan mixtieq u l-mezz uzat."*

Mis-suespost jirriżulta li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza u applikazzjoni awtonoma iżda jeħtieġ li jkun marbut ma' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni. Fil-każ odjern ir-rikorrent qed jallaċja dan l-artikolu 14 mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Fil-każ **Joseph Micallef et vs Avukat Ġenerali et deċiż fl-1 ta' Lulju 2020** il-Qorti qalet hekk –

*" Fil-każ ċitat ta'* ***Amato Gauci vs. Malta****, il-Qorti ddeskriviet is-sitwazzjoni b'dan il-mod:*

*"The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (Petrovic vs Austria, 27 March 1988).*

*The Court reiterates that discrimination means treating differently without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations ... However not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji tal-ġurisprudenza l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet għall-fini tal-każ odjern -

1. Huwa minnu li fil-proċeduri kriminali li tmexxew kontra r-rikorrent odjern, kien hu biss li ntavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. U għalhekk bħala stat ta' fatt, il-piena ta' sitt snin u nofs ħabs ordnata mill-ewwel Qorti ma tistax tiżdied. Madankollu huwa wkoll inkontestat il-fatt li r-reati li Borg kien akkużat bihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu punibbli bi priġunerija li teċċedi s-seba' snin irrispettivament mill-fatt li eventwalment il-Qorti kkundannatu għal perjodu ta' ħabs li huwa inqas miż-żmien imsemmi;

2. Mhux kull trattament differenzjali mill-liġi jammonta għal diskriminazzjoni li tikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

3. **Għar-rigward tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**, ir-rikorrent ma ndikax taħt liema bażi tas-subartikolu 3 jaqa' l-każ tiegħu. Il-Kostituzzjoni hija ċara. Il-lista ta' bażijiet li dwarhom dan is-subartikolu jipprovdi protezzjoni liċ-ċittadin hija waħda eżawrjenti u tassattiva. Il-Qorti tqis li l-fattispeċje tal-każ odjern ma jiffiguraw imkien fl-ambitu ta' razza, post ta' l-oriġini, opinjoni politika, kulur tal-ġilda, reliġjon jew sess u konsegwentement l-ilmenti tar-rikorrent mhumiex koperti fil-parametri ta' protezzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzzjoni;

4. **It-talbiet tar-rikorrent safejn jolqtu l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni sejrin għalhekk jiġu miċħuda**;

5. **Għar-rigward tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-14 abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, r-rikorrent jeħtieġlu juri qabel xejn li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern il-liġi mhux biss qed toħloq trattament differenti bejn żewġ kategoriji li huma l-istess jew bejn kategoriji ta' persuni li huma f'sitwazzjoni simili, iżda wkoll li l-motiv wara tali trattament differenzjali huwa arġinat fuq diskriminazzjoni li la hi oġġettivament u lanqas raġjonevolment ġustifikabbli;

6. Fil-każ odjern il-Qorti bla tlaqliq tgħid li l-fatt waħdu li, fil-fattispeċje tal-każ odjern, il-leġislatur ħoloq distinzjoni bejn reati naxxenti minn ksur tal-liġijiet marbuta mad-droga u reati oħra naxxenti minn ksur ta' liġijiet oħra ma jammontax għal ksur ta' drittijiet fundamentali kif pretiż mir-rikorrent. It-tqabbil irid isir '*like with like*'. Kienet tkun storja oħra li kieku bl-applikazzjoni tal-liġi in eżami r-rikorrent ġie trattat diversament minn akkużati oħrajn fl-istess sitwazzjoni tiegħu, jew simili għal tiegħu, iżda dan ma seħħx għax il-kategoriji li qed jipprova jqabbel ir-rikorrent huma differenti minn xulxin;

7. Fil-każ **Reuben Micallef vs Avukat tal-Istat deċiż fit-12 ta' Lulju 2023** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk–

*"18. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn individwu akkużat b'reat li għalih hemm piena ta' mhux iktar minn seba' snin priġunerija, u persuni li għalkemm oriġinarjament ikunu ġew akkużati b'reati li jġorru piena*

*massima ta' aktar minn seba' snin fl-aħħar tal-ġurnata jinstabu ħatja ta' wħud biss mir-reati li jwasslu għal piena inqas minn seba' snin. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak ir-raġunament għaliex m'hemmx paragun ta' like with like. L-Art. 8(1) jipprovdi li l-każ jista' jinstema' quddiem Qorti dwar id-Droga fejn inter alia persuna akkużata, "... hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija". Kliem li hu ċar irrispettivament mill-mod kif qiegħed jiġi applikat mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Reat li jġorr piena ta' aktar minn seba' snin hu ċertament iktar gravi minn reat li jġorr piena ta' seba' snin jew inqas. Tant hu hekk li l-piena massima hi differenti. Fejn imbagħad l-akkużat jiġi liberat minn reat li jġorr piena ta' iktar minn seba' snin u dik il-parti tas-sentenza ma tiġix appellata u għalhekk tkun ġudikat, din il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali m'għandhiex tqis dak ir-reat għall-finijiet tal-Art. 8 għaliex f'dak l-istadju ma jkunx hemm iktar akkuża dwaru fil-konfront tal-akkużat. X'qiegħed isir fil-prattika hi materja oħra li mhijiex il-meritu tal-kawża. Għalhekk din il-qorti lanqas ma taqbel mal-Ewwel Qorti li l-akkużat hu meqjus ħati "... wara li jkun ġie liberat minn uħud mill-akkużi";*

8. B'rabta mas-suespost, għal dak li jirrigwarda d-**dritt fundamentali tal-aċċess għall-Qorti**, għalkemm dan l-aċċess jeħtieġ li jkun prattiku u effettiv, ma jistax jitqies li huwa wieħed assolut. Kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jikkonċedu u jirrikonoxxu l-marġini wiesgħa ta' apprezzament u diskrezzjoni tal-Istat li jilleġisla b'mod li jiżamm bilanċ bejn l-interess tal-persuna akkużata u l-interess pubbliku. Għal dan il-għan, il-Qorti tqis li l-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa wkoll fl-elenku tal-kriterji stabbiliti minnu sabiex persuna akkużata tkun tista' tgawdi mill-benefiċċji mogħtija ai termini tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern din il-Qorti ma tirriskontrax diskriminazzjoni kontra r-rikorrent fid-dritt tiegħu ta' aċċess għall-Qorti kif kontemplati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni. Id-dritt t'aċċess għall-Qorti ma jfissirx li

akkużat, u f'dan il-każ ir-rikorrent, għandu xi dritt fundamentali li jidher quddiem Qorti flok oħra. Dan huwa aspett ta' liġi proċedurali li jispetta lill-leġislatur li jiddetermina. Inoltre, dak li appena ngħad japplika għal kull persuna fl-istess sitwazzjoni jew f'sitwazzjoni simili għal dik tar-rikorrent Simon Borg allura m'hemmx id-diskriminazzjoni kif allegata;

10. Fil-każ surreferit **Reuben Micallef vs Avukat tal-Istat** il-Qorti Kostituzzjonali kompliet hekk–

*19. Ir-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta li m'għandux aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Skont l-Art. 8 tal-Kap. 537 m'għandux jedd li l-każ tiegħu jinstema' quddiem dik il-Qorti. Ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti għaliex il-każ tiegħu ser jinstema' u jiġi determinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-dritt fundamentali ta' aċċess għall-qorti ma jfissirx li hu xi dritt assolut li tidher quddiem qorti partikolari. Quddiem liema qorti għandu jinstema' l-każ tar-rikorrent hi kwistjoni ta' liġi ta' proċedura."*

11. Fil-każ **Il-Pulizija vs Andre' Falzon et deċiż fil-31 t'Awwissu 2021** il-Qorti Kostituzzjonali ukoll qalet li -

*"Il-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni meta jiġi biex jintroduċi liġijiet innovativi bħal din f'qasam tant delikat. Il-fatt li l-appell tal-appellant m'huwiex ser jiġi determinat mill-Qorti dwar id-Droga ma jfissirx li ser jiġi leż id-dritt tal-appellant għall-aċċess tal-qorti, taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.*

*(.....)*

*"L-appellant għandu aċċess għall-qorti tant li ppropona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti li għadu sub judice. Hu veru li talab lill-Qorti tal- Appell Kriminali sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga taht iddisposizzjonijiet tal-Kap. 537 u t-talba ġiet miċħuda minħabba l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ in eżami. Madankollu l-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni fil-kriterji li hemm bżonn skont il-liġi sabiex akkużat igawdi mill-benefiċċji li jista' jkun intitolat għalihom taħt Kap. 537. Wara kollox apparti l-interess tal-privat, f'dawn il-każijiet hemm ukoll l-interess pubbliku."*

**12. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, ma hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-aċċess għall-Qorti**;

13. Ulterjorment, fil-fehma ferma tal-Qorti il-fatt li l-leġislatur stabilixxa limitu ta' seba' snin piena karċerarja fir-rigward ta' reati li ma humhiex relatati mal-liġijiet dwar id-droga lanqas ma jikser id-**dritt fundamentali tar-rikorrent għall-preżunzjoni tal-innoċenza**. Fl-ewwel lok, irrispettivament mill-liema Qorti tisma' l-każ tar-rikorrent, huwa jibqa' dejjem preżunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati.

14. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostitizzjonali fil-każ **Ryan Refalo vs Avukat tal-Istat deċiż fit-12 ta' Lulju 2023** -

*"18. Il-fatt li l-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 ma jippermettix li l-akkużat jiġi proċessat mill-Qorti dwar id-Drogi, ma jiksirx il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Bid-digriet li jingħata ai termini tal-Art. 8 jiġi determinat biss dwar*

*jekk il-każ għandux jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Drogi jew jibqax jinstema' mill-qorti li tagħti d-digriet.*

*19. Id-deċiżjoni dwar jekk Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali għandhiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Drogi jiddependi mir-reati li bihom persuna tkun akkużata. Meta jingħata digriet li bih qorti tiċħad talba sabiex il-każ jinstema' u jkun deċiż mill-Qorti dwar id-Drogi, il-qorti ma tkunx qiegħda tesprimi xi fehma u wisq inqas ma tkun qiegħda tiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati tar-reati li bihom ikun ġie akkużat. Id-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talba tal-akkużat sabiex il-każ tiegħu jinstema' mill-Qorti dwar id-Drogi, tkun bażata biss fuq ir-reati li bihom ikun akkużat il-persuna u xejn iktar. Hekk ġara fid-digriet li tat il-Qorti Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti bbażat id-deċiżjoni fuq ir-reati li bihom kien akkużat ir-rikorrent. Irrispettivament jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali jew Qorti dwar id-Drogi, il-każ tar-rikorrent ser jinstema' u jiġi deċiż quddiem Qorti mwaqqfa b'liġi u għadu preżunt innoċenti.*

*20. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju."*

**15. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, ma hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-preżunzjoni tal-innoċenza**;

**16. Għal dawn il-motivi suesposti l-Qorti ma ssibx li hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;**

17. Jifdal l-ilment tar-rikorrent li l-artikolu 8 tal-Kap joħloq **inċertezza legali** għax fil-fehma tiegħu l-liġi hija nċerta dwar jekk l-artikolu msemmi għandux japplika għal dawk il-persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat, u ngħataw sentenza taħt is-seba' snin ħabs, minkejja li r-reati li bihom kienu akkużati jkunu jġorru

piena ta' aktar minn seba' snin ħabs. In sostenn ta' dan l-argument huwa jiċċita silta minn dibattitu parlamentari li seħħ qabel ma' l-abbozz propost sar liġi.

18. Il-Qorti tqis li din il-pretensjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, l-artikolu in eżami kif promulgat fil-liġi huwa ċar għax jirreferi biss għax-xilja b'reat quddiem il-Qorti u mhux għas-sussegwetnti kundanna b'sentenza b'rabta ma' dak ir-reat;

19.Fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Kokkinakis vs Greece**[9] intqal "*an offence must be clearly defined in law".*

*"It is worth noting that the principle of legal certainty – that an offence must be clearly defined in law so that the citizen is sufficiently able to regulate his conduct so as to avoid the commission of a crime – is an aspect of the rule of law. " the acceptance of the rule of law as a constitutional principle requires that a citizen, before committing himself to any course of action, should be able to know in advance what are the legal consequences that will flow from it."*[10]

20. Oltre hekk il-fatt li fid-dibattiti parlamentari jkunu ġew ventilati varji idejat fuq emendi jew liġijiet proposti ma jikrea ebda inċertezza legali. Id-dibattitu parlamentari huwa frott ta' demokrazija ħajja u attiva u jwassal biex jiddetermina dak li għandha tkun il-liġi finali u hija dak l-Att kif approvat mill-kamra u mill-President ta' Malta li jagħmel liġi. Id-dibattiti jistgħu jgħinu biex

[9] 1994 17 EHRR 397 at **423**

[10] **Per Lord Diplock fid-deċiżjoni Black Clawson International Ltd vs Papierwerke Waldhof-Aschaffenburg AG [1975] AC 591 at 638**. Ara **Effecting Legal Certainty under the Human Rights Act: John McGarry** pages 66-71.

wieħed jifhem l-ispirtu u l-animu tal-liġi imma mhihomx il-liġi approvata u li torbot.

**20. Għalhekk la l-artikolu 8 tal-Kap 537 ma joħloqx inċertezza legali lanqas hawnhekk m'hawn ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent.**

21. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula mhemmx lok li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent u għalll-istess raġunijiet sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat:**

**2. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tiegħu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**